**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU GĦAXRA**

**20 ta' JANNAR, 2016**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Il-Kunsilliera s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Grima, s-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur David Abdilla.

**SKUŻATI**

Il-Kunsilliera Dr Jean Pierre Attard u s-Sur Dino Bonnici infurmaw li ma setgħux jattendu minħabba problemi li nqalgħu fl-aħħar ħin. **Dokumenti mehmuża.**

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri informa li ma setgħax jattendi.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppreseda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **10.1** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 10.1.1 | | Fir-rigward ta' punt 9.1.2, il-Kunsillier Joseph D'Amato, informa li wara li l-Kunsill kiteb uffiċċjalment lill-Kunsill ta' Borgo Maggiore, fuq iż-żjara li l-Kunsill taż-Żurrieq flimkien mal-orkestra jixtieq jagħmel f'Borgo Maggiore, qed jagħmel kuntatti ma aġenziji tal-ivjaġġar biex iġib prezz tajjeb għaż-żjara. Id-dati ser ikunu mis-27 ta' Lulju sat- 2 ta' Awwissu.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li pprova jġib fondi |

| | | |
|---|---|---|
| | | mill-UE imma mill-informazzjoni li inġabret, kien magħruf li m'hemmx fondi għal dan il-każ. |
| | | |
| 10.1.2 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia staqsa fuq punt 9.4.4 fejn kien hemm qbil li jkun ordnat railing. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-railing ġie ordnat. |
| | | |
| 10.1.3 | | Fir-rigward ta' punt 9.12.1 il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li d-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali infurmaw li l-kirja tal-post tal-ex uffiċċju tas-Sigurta Soċjali fi Triq Santa Katarina, hu mħallas sa' Mejju 2016. Il-Kunsill kien infurmat min hu s-sid tal-propjeta u s-Segretarju Eżekuttiv għamlet kuntatt miegħu, fejn wriet li l-Kunsill interessat li jikri l-post jekk jaqbel mal-kundizzjonijiet. Aktar informazzjoni tingħata meta s-sid jikkuntatja lill-Kunsill bid-dettalji. |
| | | |
| 10.1.4 | | Fir-rigward ta' punt 9.13.8, il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li hemm bżonn ta' tindif fejn il-kamra tan-nar tas-Soċjeta Mużikali Santa Katarina VM. Kien hemm qbil li wara li jitlesta x-xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix f'Ħal Millieri, jinbeda dak ta' fejn il-kamra tan-nar. |
| | | |
| | | |
| 10.1.7 | | Ġew approvati l-minuti tad-disa' seduta. |
| ***10.2*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA U KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ*** |
| | | |
| 10.2.1 | | Ġew approvati l-minuti numru 20, tas-seduta tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li saret il-bieraħ 19ta' Jannar, 2016. |
| | | |
| 10.2.2 | | Ġew approvati l-minuti tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ numru 8. |
| | | |
| | | |
| ***10.3*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR/ GAL XLOKK*** |
| | | |
| 10.3.1 | | Ma kienx hemm minuti x'jiġu approvati. |
| | | |
| | | |
| ***10.4*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 10.4.1 | | Is-Sindku feraħ lill-Kunsillier Joseph D'Amato tal-inizjattiva li ħa fuq l-orkestra taż-Żurrieq u fuq il-kunċert li ttellgħa fil-ġimgħa tal-Milied, fil-knisja Arċipretali ta' Santa Katarina VM. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Is-Sindku qal li għalkemm fl-aħħar ġimgħa ta' preparamenti saru l-bsaten fir-roti biex din l-attivita' tkun imfixkla, l-alleati komplew jissaħħu u kien ta' unur kbir lill-Kunsill, li l-Kunċert kien suċċess kbir. Hu żied jgħid li għal dan il-kunċert attendew Ministri u membri parlamentari, fejn wrew apprezzament u qalu kliem ta' tifħir għall-programm u l-mod ta' kif kienet organizzata.<br><br>Is-Sindku qal li s-Surmast għamel l-impossibbli fl-aħħar ġranet tar-rehearsal. Il-mużiċisti wrew dedikazzjoni u mħabba kbira lejn il-mużika li bis-sagrifiċċji kollha li għamlu, tellgħu attivita professjonali ħafna. Hu faħħar ukoll il-parteċipazzjoni tal-Ex Viċi Arċipriet Dun Glenn. Fl-aħħar is-Sindku ppropona li l-orkestra tieħu ġieh iż-Żurrieq, meta l-Kunsill jagħti dan l-unur.<br>Il-Kunsilliera kollha qablu mal-kliem tas-Sindku.<br><br>F'dan il-punt, il-Kunsillier Joseph D'Amato, rringrazzja lis-Sindku, tat-tifħier tiegħu u qal li l-maġġoranza tas-suċċess kien miksub bis-saħħa tas-Surmast Role' li kiteb il-mużika kollha tal-kunċert, ħareġ il-libretti u flus minn butu biex il-prodott finali kien professjonali. Il-Kunsillier Joseph D'Amato rringrazzja ukoll lill-membri tas-Sotto Kumitat tiegħu, li huma s-Sinjuri Gorg Sammut u Costantino Attard u Sandro Bonanno u lil dawk kollha li taw sehemhom biex din l-attivita' tkun success. |
| | | |
| 10.4.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ittra mibgħuta mingħand Dr Robert Tufigno f'isem Waste Collection Ltd, fejn qed jgħid li l-Kunsill għad għandu bilanċ xi jħallas lill-Kumpanija u li l-Kunsill qed iżomm dawn il-pagamenti minħabba nuqqas ta' żbir ta' siġar. Dr Tufigno qal li l-uniku siġra li ma nżabritx kienet ta' Triq Ferdinando Falzon, minħabba li għad m'hemmx il-permessi meħtieġa.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll ittra oħra miktuba mill-avukat tal-Kumpanija Waste Collection Ltd fejn talab li s-Segretarju Eżekuttiv tirtira l-kliem tal-emails li intbagħtu fuq iż-żbir tas-siġar.<br><br>Kien hemm qbil unanimu, li l-Kunsill jitlob il-parir tal-contract's manager fuq iż-żbir li sar u permezz ta' ittra risposta, bl-avukat tal-Kunsill, il-Kumpanija Waste Collection Ltd tkun infurmata li jekk sar ix-xogħol li qed tallega li sar fi Triq l-Arċipriet E Mifsud u Triq Wied Babu, x-xogħol ma sarx kif suppost u jiġu mehmuża ukoll ritratti li ttieħdu. Fir-rigward ta' pagamenti miżmuma kien hemm qbil li jittieħed il-parir tal-avukat tal-Kunsill. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| 10.4.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ilmenti minn residenti ta' Sqaqin li wara li jsir ix-xogħol mill-WSC dawn qed jitħallew fi stat diżastruż bil-konsegwenza li qed jaqgħu xi nies fil-kanali li jkunu tħaffru. Mehmuż ritratti ta' sqaq fi Triq il-Karmnu. **Dok 1.**<br><br>Kien hemm qbil li tinkiteb email lill-Inginier tal-WSC fejn il-Kunsill jitlob fondi biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż li l-Kunsill ser jagħmel biex isewwi l-ħsara li saret fl-isqaq San Patrizju fi Triq il-Karmnu. Kien hemm qbil li jekk il-WSC mhix lesta li tħallas għall-ispejjeż li ser isiru, il-Kunsill ikun lest li ma joħroġx permessi għal tiswijiet fi sqaqin.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-Kunsill għandu javża lill-Perit tal-Kunsill, biex jispezzjona s-servizzi tal-WSC u tal-kuntratturi li jagħmlu servizzi ta' drenaġġ lill-privat u jekk isib li x-xogħol sar ħażin, jew li tali manutenzjoni tinżel aktar mil-livel tat-triq, il-Kuntrattur/WSC jridu jerġgħu jirranġaw il-ħsara huma u mhux ikun il-Kunsill li jidħol fi spejjeż żejda.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-Kunsill għandu jinforma b'dan, lill-kuntratturi privati.<br><br>Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>Il-Kunsillier Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni li fejn iċ-ċimiterju ta' Bubaqra saret manutenzjoni ta' servizz tal-ilma u s-servizz baqa' miftuħ. |
| | | |
| 10.4.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-monitor tal-librerija inxtara u jinsab imwaħħal fil-librerija u l-kotba tal-isponsor jinsabu fil-librereija ċentrali biex jinħadmu għall-librerija taż-Żurrieq.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għall-okkażjoni tal-ftuħ tar-rinovament tal-librerija pubblika ser tkun preżenti s-Sinjura Michelle Muscat li ser tkun preżenti fil-kariga tagħha ta' Chairperson ta' Marygold foundation. Għal din l-okkażjoni, s-Sinjura Muscat ser toffri damma ta' kotba lil-librerija taż-Żurrieq.<br>L-inwgurazzjoni ser issir it-Tlieta 16 ta' Frar, 2016 fin-nofsiegħa.<br><br>Kien hemm qbil li għal din l-okkażjoni jinħarġu l-inviti u jsir riċeviment żgħir mingħand Eurocaterers. |
| | | |
| 10.4.5 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li Transport Malta tat il-permess biex Triq Santu Formosa ssir 'one way' bid- |

| | | |
|---|---|---|
| | | direzzjoni minn Triq Dun Guzepp Zammit għal Vjal il-Blue Grotto. Ix-xogħol ser ikun ordnat. |
| | | |
| 10.4.6 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet rapport li għamlet persuna fejn qalet li waqgħet fis-sleeping policeman ta' Vjal il-Blue Grotto. Din il-persuna għamlet rapport l-għassa u wriet ukoll ċertifikati mill-isptar.<br><br>Il-Kunsillier David Abdilla ssuġġerixxa li l-perit tal-Kunsill jiċċertifika jekk is-sleeping policeman saritx tajba. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| **10.5** | | **Estensjoni ta' Kuntratti :**<br>**RM67/01/15 – Maintenance of Traffic Signs and Road Markings**<br>**MA67/03/15 – Maintenance of Pavements, Retaining Walls and Culvert Works**<br>**RC67/04/15 – Street Sweeping and Cleaning Services**<br>**ML67/05/15 - Maintenance of Public Garden Lighting Systems and Ancillery Services**<br>**PC67/06/13 – Cleaning and Attendance of Public Convenience** |
| | | |
| 10.5.1 | | Kien hemm qbil li l-kuntratti msemmija jkunu mġedda b'sena oħra minbarra l-kuntratt tal PC67/06/13 li jiskadi f'Novembru 2016. |
| | | |
| ***10.6*** | | ***Kuntratt Zurrieq Wolves – Estensjoni Skola Xitwa.*** |
| | | |
| 10.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-proposta biex jiġġedded/isir kuntratt ġdid bejn il-Kunsill Lokali u Zurrieq Wolves fl-organizzazjoni ta' sezzjonijiet ta' taħriġ sportiv għax-xitwa.<br><br>Kien hemm qbil li Zurrieq Wolves, jintalbu rendikont tal-attendenza, fis-sezzjonijiet li saru tul dawn l-aħħar tliet snin u dan l-item jitressaq f'seduta oħra waqt li jkun preżenti l-Kunsillier Dino Bonnici u ġaladarba l-Kunsill jintalab miż-Żurrieq Wolves biex tali kuntratt jiġi mġedded. |
| | | |
| **10.7** | | **Rapport Finanzjarju ta' kull kwart – L-aħħar kwart** |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 10.7.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-aħħar rapport finanzjarju tas-sena 2015, maħdum mill-Accountant tal-Kunsill.<br>Dan ir-rapport ġie approvat biex jintbagħat. **Dok 2 Mehmuż.** |
| | | |
| ***10.8*** | | **Rapport Annwali Amministrattiv 2015** |
| | | |
| 10.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet r-rapport annwali amministrattiv għall-ewwel sena tal-leġislatura tat-tmien Kunsill Lokali. Jannar 2015-Diċembru 2015.<br><br>Dan ir-rapport ġie approvat biex jintbagħat. **Dok 3 Mehmuż.** |
| | | |
| | | |
| ***10.9*** | | ***Estimi Annwali 2016*** |
| | | |
| 10.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet abbozz ta' estimi annwali 2016, imħejji minnha. Hi infurmat li jekk l-Kunsill jimxi ma dawn l-estimi, jkun jista jibda resurfacing tas-Service road ta' Vjal il-Blue Grotto, Triq il-Barrieri, Triq il-Mitħna u t-telgħa tal-Ġibjun. Il-kumplament tat-toroq l-oħra (l-akwata ta' wara Triq il-mitħna u wara ġnien il-Ġibjun) li l-Kunsill għandu stima tagħhom isiru fil-bidu tas-sena d-dieħla minn budget ieħor.<br>.<br><br>Kien hemm qbil fuq dan. **Dok 4 Mehmuż** |
| | | |
| ***10.10*** | | ***Pjan ta' Ħidma 2016 – 2018*** |
| | | |
| 10.10.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet abbozz ta' Pjan ta' ħidma 2015 – 2017, imħejji minnha.<br>Kien hemm qbil mar-rapport u li jiżdied il-proġett tad-Dog Park fil-qasam Ambjentali. **Dok 5 mehmuż** |
| | | |
| ***10.11*** | | ***Data għal-laqgħa annwali tal-lokalita'*** |
| | | |
| 10.11.1 | | Ġie deċiż li l-laqgħa annwali tal-lokalita' issir nhar l-Erbgħa 17 ta' Frar, 2016, fil-17:30, qabel is-seduta tal-Kunsill. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***10.12*** | | ***Performance Appraisal Reports tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-iskrivani*** |
| | | |
| 10.12.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-performace appraisal reports tal-impjegati fejn ssuġġeriet li kulħadd jieħu l-massimu tal-persentaġġ li hu ta' 6% għall-impjegati. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.<br>**Dok 6 mehmuż.**<br><br>Is-Sindku ressaq l-performance appraisal report tas-Segretarju Eżekuttiv li f'dan il-ħin ħarġet mil-kamra tas-seduta.<br>Kien hemm qbil unanimu li s-Segretarju Eżekuttiv tieħu l-massimu tal-persentaġġ tal-performance appraisal li hu ta' 10%. **Dok 7 mehmuż.** |
| | | |
| ***10.13*** | | ***Increment tal-impjegata Maria Briffa Callus*** |
| | | |
| 10.13.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-aħħar increment tal-iskala 13 li jonqosha tieħu l-impjegata Maria Briffa Callus.<br>Kien hemm qbil unanimu li l-impjegata titla għall-increment li jmiss. |
| | | |
| ***10.14*** | | ***Reazzjoni tal-Kunsill ma' għaqda mużikali fiż-Żurrieq*** |
| | | |
| 10.14.1 | | Is-Sindku stieden lill-Kunsillier Joseph D'Amato jitkellem fuq dak li inqala fl-aħħar ġranet tar-rehearsals tal-kunċert tal-Milied, fejn is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM, ma ħallitx lill-bandisti tagħha jipparteċipaw fl-orkestra. |
| | | |
| 10.14.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li waqt laqgħa tas-sotto Kumitat Kultura, kien hemm qbil li jitalab il-permess tal-Kunsill biex is-sotto kumitat jiltaqgħa mal-kumitat/rappreżentanti tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM u jiddiskuti magħhom id-deċiżjoni li ħadu li li biha ma gawda hadd specjalment dawk il-persuni ta' rieda tajba. Din il-laqgħa jridu li ssir biex tkun revokata l-impożizzjoni li l-bandisti ta' din is-soċjeta' għandhom fuq l-orkestra taż-Żurrieq.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li ġie avviċinat minn diversi persuni fejn wrew id-diżappunt tagħhom għal dan imponiment.<br><br>Kien hemm qbil li s-sotto kumitat kultura jistieden lis- |

| | | |
|---|---|---|
| | | Soċjeta' Mużikali Santa Katarina waqt laqgħa ta' l-istess sotto kumitat. |
| | | |
| | | |
| **10.15** | | **Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi** |
| | | |
| 10.15.1 | | Il-Kunsillier Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni fuq:<br>• Ħal Millieri qed jinamm ħażin – hemm bżonn jinqata, l-ħaxix, tiswija ta' bankijiet u dwal u xi affarijiet oħra. Kien hemm qbil li jsir appuntament mal-kuntrattu li ħadem fuq il-post biex jara x'hemm bżonn li jsir.<br>• Fi Triq il-Mitħna l-iskart mhux qed jittieħed kuljum – kien hemm qbil li tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur<br>• Bżonn ta' refresh ta' marki tat-toroq f'Wesgħat Joseph M Cassar – kien hemm qbil li jiġi ordnat ix-xogħol<br>• Biex tinkiteb ittra lill-Transport Malta fejn ikunu mistoqsija f'hix wasal il-proċess ta' *timed parking* f'Misraħ Repubblika. – kien hemm qbil fuq dan |
| | | |
| 10.15.2 | | Il-Kunsillieri Joseph D'Amato talab li :<br>• jsiru parking bays viċin il-Mitħna tax-Xarolla. Kien hemm qbil li x-xogħol jiġi ordnat.<br>• talab li ssir *drop kerb* faċċata tal-ħanut tan-nagħal (viċin il-Mitħna tax-Xarolla) minħabba li persuna b'abbilitajiet differenti talbet lill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq biex jagħmel rampa ħalli min-naħa tal-pompa tal-petrol ta' Ħal Safi jkun jista jitla sa fejn il-Mitħna u jagħddi minn fuq iż-zebra crossing. - Kien hemm qbil li jkun avżat il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi u jekk dan jaqbel ix-xogħol isir mill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq. |
| | | |
| 10.15.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ġibed l-attenzjoni fuq:<br>• hemm diversi dawl maqtugħ fit-Triq tal-Wied (promenade) għall-Wied iż-Żurrieq. Kien hemm qbil li tinġibed l-attenzjoni tal-awtoritajiet.<br>• Biex issir rampa/*drop kerb* fi Triq il-Kbira fejn il-kappella ta' San Ġakbu. Ma kienx hemm qbil fuq dan minħabba li r-rampa tista tkun ta' aktar periklu milli ġid.<br>• Jitwaħħlu tabelli ta' 'no parking' fi sqaq fi Triq il-Kbira – Ma kienx hemm qbil minħabba li f'dan l-isqaq hemm diżgwied bejn il-ġirien. |

| | | |
|---|---|---|
| 10.15.4 | | Il-Kunsillier Tiffanny Ann Farrugia ġibdet l-attenzjoni fuq:<br>• bżonn ta' patching fi Triq Sant Andrija – kien hemm qbil li jsir l-ordni għax- xogħol<br>• tinkiteb ittra lil resident fi Triq Wied Babu/Triq Xandru D'Amato minħabba li siġra li hemm fil-parapett tiegħu qed tostakola l-bankina. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 10.15.4 | | Il-Viċi Sindku Rita Grima ġibdet l-attenzjoni fuq:<br>• Bżonn ta' parking bays fi Triq is-Sajjieda – ma kienx hemm qbil minħabba li Triq is-Sajjieda hi twila u tkun piż finanzjarju jekk issir kollha bil parking bays.<br>• l-entratura taż-Żurrieq tinsab kollha bla dawl, fosthom hemm ukoll iż-zebra crossing – kien hemm qbil li jsiru r-rapporti meħtieġa. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***10.16*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| | | |
| 10.16.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 8** għall-ammont totali ta' **€105,583.92**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Ignatius Farrugia, mill-Kunsilliera Pierre Farrugia u Joseph D'Amato. |
| | | |
| ***10.17*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 10.17.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fit-20:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 17ta' Frar, 2016 fis-6.30ta' filgħaxija. |
| | | |
| | | |

Konfe rmati, illum ______ ta' Frar, 2016.

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**